MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 23/2013

**Anthony Mary maghruf bhala Anthony Cilia**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru disa’ mija u wiehed (901) tas-sena elf disa’ mija u tlieta u erbghin (1943) fil-parti relattiva ntestata “Ismijiet moghtijin” u fil-parti ntestata “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” hemm indikat l-isem ta’ Mary Anthony. Illi in oltre fl-annotazzjonijiet ta’ dan l-istess att tat-twelid, hemm imnizzel li b’digriet tal-qorti tar-Revizjoni

ta’ l-Atti Nutarili ta’ Ghawdex, l-isem Mary Anthony inbidel ghal Anthony Mary (dokument A).

2. Illi fil-verita’ r-rikorrenti huwa komunement maghruf bhala Anthony.

3. Illi in sostenn tal-fatt li r-rikorrenti hu maghruf bl-isem ta’ Anthony qeghdin jigu annessi flimkien ma’ dan ir-rikors guramentat is-segwenti dokumenti: (i) vera kopja tal-passaport Malti ta’ l-esponenti (Dok B); (ii) vera kopja tal-karta ta’ l-identita’ ta’ l-esponenti (Dok C); (iii) vera kopja tac-certifikat taz-zwieg ta’ l-esponenti (Dok D); (iv) vera kopja ta’ korrispondenza mibghuta lill-esponenti mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni (Dok E); (v) vera kopja ta’ kont ta’ servizzi li jutilizza l-esponenti (Dok F1 u Dok F2); (vi) vera kopja ta’ korrispondenza mibghuta lill-esponenti mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (Dok G); (vii) vera kopja ta’ bank statement mibghut lill-esponenti (li ghall-fini ta’ kunfidenzjalita’ gew mnehhija minnha l-ammonti li hemm depozitati fl-istess bank) (Dok H).

4. illi minn dawn id-dokument jirrizulta li l-esponenti huwa komunement maghurf bhala Anthony u ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex l-isem ta’ Anthony Mary jigi mibdul ghal Anthony halli jirrifletti l-istat prezenti u attwali.

Ghalhekk ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ghal ragunijet hawn fuq imsemmija huwa jikkoregi c-certifikat tat-twelid fuq imsemmi minnu mahrug, fis-sens illi fil-parti relattiva ghall-Ismijiet moghtijin, kif ukoll fil-parti relattiva ghall-Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha l-isem hemm indikat bhala Mary Anthony li b’digriet tal-Qorti tar-Revizjoni ta’ l-Atti Nutarili Ghawdex tas-17 ta’ Gunju 1985 gie mhassar u mnizzel bhala Anthony Mary fl-annotazzjonijiet ta’ l-istess certifikat tat-twelid, jigi sostitwit bl-isem Anthony.

Bl-ispejjez

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi r-rikorrenti ma jistax jitlob korrezzjoni ta' l-isem imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu taht artikolu 253(1) tal-Kodici Civili u dan peress illi diga' hemm sentenza moghtija mill-Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Notarili illi kienet ordnat biex isem ir-rikorrenti jinbidel minn Mary Anthony ghal Anthony Mary;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti jekk it-talba tieghu tigi riformulata sabiex minflok korrezzjoni, ir-rikorrenti jitlob ir-registrazzjoni tal-isem illi permezz tieghu huwa komunament maghruf flok l-isem irregistrat, skont artikolu 253(2) tal-Kodici Civili.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti seta' flok ghamel din il-kawza, applika mal-esponenti sabiex ismu jigi mibdul minn Anthony Mary ghal Anthony skont artikolu 278(A)(2) tal-Kodici Civili;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-sureferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ngutn in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbal tallum stess minn fejn jirrizulta li giet akkordata t-talba ghall-korrezzjoni fit-talba attrici sabiex ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur mhux jigi kkoregut izda

intalbet ir-registrazzjoni tal-isem li permezz tieghu huwa komunement maghruf. In vista ta' dan il-konvenut ma insistix fuq l-ewwel eccezzjoni. Oltre' dan b'tali korrezzjoni t-tieni eccezzjoni giet sorvolata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

It-talba tar-rikorrenti fis-sens li huwa komunement maghruf bhala Anthony tirrizulta fondata u dan a bazi tad-dokumenti prezentati mill-istess rikorrenti msemmija fir-rikors promotur u minnu esebiti.

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fuq ic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv disa' mija u wiehed tas-sena elf disa' mija u tlieta u erbghin (1943) isem l-attur jigi registrat b'tali mod li jkun jirrifletti dak l-isem li huwa komunement maghruf bih minflok l-isem registrat ossija billi fil-parti relattiva ghall-Ismijiet moghtijin, kif ukoll fil-parti relattiva ghall-Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghanda tigi msejha l-isem hemm indikat bhala Mary Anthony li b'digriet tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili Ghawdex tas-17 ta' Gunju 1985 gie mhassar u mnizzel bhala 'Anthony Mary' fl-annotazzjonijiet ta' l-istess certifikat tat-twelid jigi sostitwit bl-isem 'Anthony'.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------